QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

***Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Karl Roberts)**

**Vs**

**Paata Badzagua**
**(20AA84410)**

**Kumpilazzjoni Numru: 7625/2022**

**Illum 15 ta' Dicembru 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza prezentata mill-Pulizija Ezekuttiva nhar l-14 ta' Novembru 2022 kontra:

**Paata Badzagua**, iben Karaman u Nino imwieled nhar it-28/05/1971 gewwa Tblisi, Georgia, ta' Nazzjonalita' Georgijana, detentur tal-passaport Georgjan bin-numru 20AA84410 u residenti gewwa 5, Restort Flats, Flat 3 Triq San Luqa San Pawl il-Bahar, Malta.

Akkuzat talli nhar it-13/11/2022 u jew fil-jiem, gimghat jew xhur ta' qabel din id-data gewwa dawn il-gzejjer:

1. Iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f' karta tal-identita' Lithuania, jew uza jew kellu fil-pussess tieghu xi karta tal-identita' Lithuania, li hu kein jaf li gew ifflalsifikata, imbiddla jew li sar tibdil fihom (Kapitolu 61, Sec 5 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. Kif ukoll talli xjentement ghamel uzu minn dokumenti ohra iffalsifikati (Kapitolu 9 Sec 189 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. U aktar talli matul l-istess zmien, lok, u cirkostanzi inghata prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif foloz lill-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni ( Kapitolu 217, Sec 32(1)(c ) tal-Ligijiet ta' Malta);

4. Kif ukoll minghajr awtorita' legittima uza jew kellu, fil-pussess tieghu xi Permess tar-residenza ta' Lithuana, mehtiega ghall-finijiet ta' dan l-Att li jkun falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kapitolu 217, Sec 32 (1)(f) tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta[1].

[1] Folio 2 tal-proces.

Hadet nota li l-imputat wiegeb mhux hati tal-akkuza fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2022.[2]

Hadet nota ukoll tal-fedina penali tal-imputat prezentata in atti mill-prosekuzzjoni[3].

Hadet nota tal-atti kollha tal-kaz.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset il-provi u dokumenti kollha prodotti.

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor.**

Il-kaz jirrigwarda pesuna ta' sess maskili, ossija l-imputat li gie identifikat bhala Paata Badzagua ta' nazzjonalita' Georgjana u detentur ta' passsaport Georgjan bin-numru 20AA84410, li meta mar fuq il-counter tal-Aviaserve nhar it-13 ta' Novembru 2022 fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta ipprezenta biljett tal-ajru ghall-Manchester fl-Ingilterra kif ukoll karta tal-identita' tal-Litwanja li skond l-ufficjali tal-Aviaserve li kienu qed jipprocessaw l-ibburdjar kienet falza. Dawn tal-ahhar infurmat lill-pulizija tal-immigrazzjoni li marru jinvestigaw il-kaz u ikkonfermaw li dak id-dokument, ossija l-karta tal-identita' Litwana, kienet falza. Is-suspettat kellu ukoll passaport validu Georgjan. Dan gie arrestat ghall-aktar

[2] Folio 4 tal-process.
[3] Folio 11 tal-process.

investigazzjonijiet u tressaq b' arrest l-ghada, ossija fl-14 ta' Novembru 2022 quddiem il-Qrati.

**Il-Provi**

Il-prosekuzzjoni esebiet ir-rapport relattiv ghall-incident bin-numru IMM/BCPA/35/2022[4], kopja ta' parti mill-passaport Georgjan tal-imputat,[5] kopja tal-karta tal-identita' Litwana tal-imputat li allegatament hija falza[6] u biljetti tal-ajru Malta – Manchester[7]. Il-prosekuzzjoni esebit ukoll stqarrija tal-imputat.[8]

Fl-istqarrija li ma giet bl-ebda mod attakkatta mid-difiza u li giet esebita mill-ufficjal prosekutur jinghad li l-imputat gie Malta mill-Polonja fejn kien hadem ghal madwar xahrejn u li kien ilu Malta ghal madwar sena. Hu kien jahdem Malta pero' qatt ma irregistra ruhu mal-awtoritajiet lokali. Jispjega li l-mara tieghu ilha tghix hawn Malta xi sena u nofs u li ilhom mizzewgin xi sentejn. Izid jghid li huwa effettivament kien sejjer l-Izlanda pero' kien ser jinzel *stop-over* Manchester. Mistoqsi s-segwenti jghid:

*M. Biex issiefer min Malta ghal-Inghilterra, kif taf, issirlek kontroll fuq id-dokumenti tieghek. Il-bierah x' dokumenti uzajt biex tivvjagga?*

*T. Passaport tal-Georgia, National ID card tal-Lithuania u l-biljett ta' l-ivjaggar.*

[4] Folio 5 tal-process.
[5] Folio 7 tal-process.
[6] Folio 8 tal-process.
[7] Folio 9- 10 tal-process.
[8] Folio 12 tal-process.

Jikkonferma l-karta tal-identita' suspettuza Litwana li wrieh l-ispettur investigattiv u li uzaha biex isiefer. Jghid li dan id-dokumet gabu mill-Polonia fejn kien jahdem pero' ma jiftakarx kemm ilu ghandu pero' hallas ghalih elf u mitt zloti.

Gie esebit ukoll id-dokument allegatament iffalsifikat a folio 16 tal-process li gie irtirat, mill-espert mahtur waqt il-proceduri, s-Sur John Charles Ellul sabiex jezamina l-genwinita o meno tieghu. A folio 17 tal-process imbaghad gie ezebit il-passaport Georgjan tal-imputat li huwa awtentiku.

Waqt is-seduta tat-23 ta' Novembru 2022 xehdet l-ufficcjal li effettwat l-arrest u l-investigazzjonijiet fuq il-post nhar it-13 ta' Novembru 2022. **PS 2318 Amanda Pickard** spjegat li hija mharrga fl-identifikazzjoni tad-dokument u li waqt li kienet xoghol giet ikkuntatjata mill-Aviaserve li qalulha li kien hemm passiggier li kellu karta tal-identita' Litwana falza. Hija marret fuq il-post u sabet lill-imputat u ikkonfermat li l-karta tal-identita' Litwana kienet '*a complete counterfeit document*' u arrestatu.[9] Is-surgent izid tghid is-segwenti fuq id-dokument analizzat minnha:

*'Prosekuzzjoni: X'rajtilha li ma kinitx tajba bhala dokument?*

*PS 2318 Pickard: Kienet kollha hazina specjalment il-printing technique. Il-printing technique hija dye sublimation technique, ma tkunx ipprintjata hekk. Anki l-card hija plastic mhux poly carbonate.'*

[9] Folio 23 tal-process.

Is-surgent waqt il-kontro-ezami tkompli tispjega li ghalkemm il-passport Georgjan kien validu b'dan wahdu huwa ma setax jivvjagga bih lejn l-Ingilterra ghax kellu bzonn viza, li l-imputat ma kellux. Fil-fatt huwa seta' biss jivjagga lejn Manchester l-Ingilterra minghajr ebda visa kieku kellu passaport Malti jew Komunitarju minhabba li hemm ftehim bilaterali bejn l-Unjoni Ewropeja u l-Ingilterra. L-ufficjal tishaq li lanqas cittadini Komunitarji wara l-Brexit ma setghu imorru l-Ingilterra bil-karta tal-identita'.[10] Mistoqsija xi pprezenta l-imputat fuq il-counter wiegbet hekk:

*'Dr. Kris Balzan: Peress li kellu passaport, ma kellux Visa tlabtuh xi dokument iktar minn hekk?*

*PS 2138 Pickard: Mhux jiena tlabthom. Il-passigier qatt ma prezenta passaport Georgjan biex jittravilja….. No. Hu prezenta l-ID card biex jsiefer.'* [11]

Tikkonferma li hu qatt ma telaq u lanqas check-in ma ghamel. Ticcara li huwa gie imwaqqaf mac-*check-in* counter u mhux mas-security counter. Izzid tghid li l-passaport Georgjan tahulhom huwa stess minn jeddu.

Nhar is-6 ta' Dicembru 2022 xehed l-espert mahtur mill-Qorti s-Sur John Charles Ellul fejn irrelata dwar il-karta tal-identita Litwana u jghid testwalment is-segwenti:

---

[10] Folio 25 tal-process.
[11] Folio 27 tal-process.

*'Allura l-konkluzjonijiet tieghi jirrizulta li dan huwa dokument kompletament falz u ma fihx uzu ha nghidu hekk awtorevoli.'*[12]

Fil-konkluzjoni peritali u fir-rapport ezebit minnhu jinghad:

'*Illi mill-ezamijiet maghmula fuq dan id-dokument u cioe karta tal-identita' li allegamatment giet mahruga fuq Badzagua Paata li ghandha in-numru 59901557 jirrizulta li hija kompletament falza.'*[13]

**Ikkunsidrat:**

Dan huwa kaz dwar persuna mill-Georgja, ossija *third country national*, li waqt li qieghed f'pajjiz tal-Unjoni Ewropeja, ossija Malta prova jmur l-Ingilterra. Huwa ampjament car li biex jaghmel dan kellu bzonn passaport validu kif ukoll visa biex johrog mill-pajjiz kif ukoll biex jidhol f'pajjiz bhal l-Ingilterra.

Gie ampjament ippruvat mill-prosekuzzjoni li ghalkemm huwa kellu passaport Georgjan validu pero' ma kellux visa biex jidhol l-Ingilterra u allura ipprezenta dokument, ossija, karta tal-identita' Litwana ghax probabilment haseb li peress li l-Litwanja hija membru tal-Unjoni Ewropeja dan seta' ma juzax il-passaport u ma kellux bzonn l-ebda visa. Kif spjegat b'mod car u konsistenti is-surgent Pickard, dan mhux il-kaz u barra li cittadini tal-pajjizi fl-Unjoni Ewropeja ma jistghux isiefru lejn l-Ingilterra bil-karta tal-Identita' taghhom u jirrikjedu passaport, *third country nationals*, kif inhu l-imputat dan jirrikjedi UKOLL visa, jigifieri *third country national* ghandu bzonn zewg affarijiet *kumulattivi*, visa u passpaport li t-tnejn ikunu validi.

[12] Folio 40 tal-process.
[13] Folio 49 tal-process.

Mill-atti ma jidhirx li huwa ikkontestat li l-imputat ipprezenta l-karta tal-identita' Litwana fic-check-in desk tal-ajruport u li din kienet tieghu u li kienet ghandu ghal diversi xuhur. Dan johrog car kemm mid-deposizzjoni tas-surgent Pickard kif ukoll mill-istqarrija tieghu lill-ufficcjal investigattiv.

**Ikkunsidrat:**

L-imputat huwa akkuzat kemm taht l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 kif ukoll taht il-Kapitolu 217 Artikolu 32(1)(c) u (f) tal-Ligijiet ta' Malta.

Id-definizzjoni ta' x'inhu passaport taht il-Kapitolu 61 hija s-segwenti:

*"passaport" tinkludi ċertifikat tal-identità, dokument ta' identifikazzjoni legalment validu maħruġ minn awtorità kompetenti għal skopijiet ta' vjaġġar;*

Filwaqt li l-Artikolu 5 tal-istess Kapitolu jghid is-segwenti:

*'Kull min jiffalsifika, ibiddel, jew jagħmel xi tibdil f'passaport jew juża jew ikollu għandu passaport li huwa jaf li ġie iffalsifikat, imbiddel jew li sar tibdil fih, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sitt xhur sa sentejn.'*

Ghalhekk kull min juza jew ikollu fil-pussess tieghu karta tal-identita' ghal skopijiet ta' vvjaggar kif inhu dan il-kaz huwa hati ta' reat. Minghajr dubbju, kif diga' inghad l-imputat kellu fil-pussess tieghu karta tal-identita' Litwana iffalsifikata u ghalhekk l-prosekuzzjoni ippruvat il-kaz skond il-ligi.

Mill-banda l-ohra l-Kapitolu 217 jaghti s-segwenti definizzjonijiet ta’ x’ inhu passaport u passiggier:

*"passaport" tfisser passaport li jirriferi għal dik il-persuna li tkun meħtieġa li tipproduċih, li jkun fih ritratt ta’ dik il-persuna, li jkun validu fid-data li dik il-persuna titlob id-dħul f’Malta u ma jkunx imissu jiskadi qabel id-data li fiha l-istess persuna bi ħsiebha titlaq minn Malta, u tinkludi kull dokument bħal dak li jistabbilixxi l-identità u n-nazzjonalità tal-persuna li għaliha jirriferi b’mod li jissodisfa lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni;*

*"passiġġier" tfisser kull persuna, barra minn membru ta’ ekwipaġġ, li tivvjaġġa jew li tfittex li tivvjaġġa abbord ta’ bastiment;*

L-artikolu 32 (1)(c) u (f) tal-Kapitolu 217 Att dwar l-Immigrazzjoni imbaghad jghid is-segwenti:

*Kull persuna li:*

*………*

*(ċ) dwar xi informazzjoni li għandha tiġi mogħtija skont jew għall-finijiet ta’ dan l-Att, tagħti jew iġġiegħel li jingħata xi prospett falz, dikjarazzjoni falza jew tagħrif ta’ fatti foloz;*

*……………*

*(f) mingħajr awtorità leġittima tuża jew ikollha fil-pussess tagħha xi dokument, meħtieġ għall-finijiet ta’ dan l-Att li jkun falsifikat;*

Il-Qorti tqis li mill-assjem ta' provi li ghandha quddiemha, l-imputat jista' jigi misjub hati taht l-artikolu 32 (1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta izda mhux taht l-artikolu 31(1) (c) ghas-semplici raguni li huwaipprezenta il-karta tal-identita' tieghu lill-ufficjal tal-Aviaserv u mhux lill-ufficjali tal-immigrazzjoni. Tal-anqas ma jirrizultax mill-atti li l-ufficcjal tal-Aviaserv ghandu xi delega specjali biex jagixxi ghan-nom tal-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni kif delinejat mill-artikolu 3 tal-Kapitolu 217 Att dwar l-Immigrazzjoni u b'mod partikolari l-artikolu 3 (3) tal-istess ligi.

Ghalhekk l-imputat ghandu jinstab hati talli kiser l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 kif ukoll bi ksur tal-artikolu 32 (1) (f) tal-Kapitolu 217 filwaqt illi jigi liberat mill-akkuza taht l-artikolu 32 (1)(c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat:**

L-imputat permezz tat-tieni akkuza gie akkuzat taht l-artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra testwalment is-segwenti:

'*Kull min jagħmel falsifikazzjoni oħra jew xjentement jagħmel użu minn xi dokument ieħor falsifikat, mhux imsemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur, u jekk ikun uffiċjal jew impjegat pubbliku b'abbuż tal-kariga jew impjieg tiegħu, il-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sena'*.

Irid jigi infakkar li kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija vs Paul Bonnici** deciza fit-30 ta' Gunju 1961 per Onorevoli Imhallef W. Harding:

‘*F’materja ta’ falsifikazzjoni ta’ dokument l-iskriminanti tal-grossolanita’ tal-falsifikazzjoni ma hix applikabbli meta l-falsifikazzjoni tkun saret f’ dokument pubbliku; u ghalhekk mhix applikabbli f’kaz ta’ falsifikazzjoni ta’ licenzja tas-sewqa, ghax din hi dokument pubbliku.*’

Imbaghad fis-sentenza **Il-Majesta Taghha r-Regina vs Spiru Quintano et**. deciza mill-Qorti Kriminali fit-13 ta’ Dicembru 1954 per S.T.O. Sir L.A. Camilleri u l-Onorevoli Imhallef A.J. Montanaro u l-Onorevoli Imhallef W. Harding intqal:

‘*Il-kelma dokument ghandha sinifikat ampju, fis-sens ta’ kwalunkwe haga li tiswa biex tipprova l-verita’ u konsegwentement ma tillimitax ruha ghas-sens ta’ skrittura.*’

Fil-kawza **Il-Pulizija (Spettur Frankie Sammut vs Yunus Yusif** (Appell Nru. 117/2021) deciza fid-19 ta’ Lulju 2021 per Onorevoli Imhallef Giovanni M. Grixti intqal:

*‘….l-artikolu 189 jghid “kull min jaghmel falsifikazzjoni ohra jew xjentement jaghmel uzu minn xo dokument iehor falsifikat, mhux imsemmi fl-artikoli ta’ qabel dan it-Titolu” jkun qed jinkludi kull dokument iehor ta’ liema xorta jkun.’*

Ma hemmx dubbju li karta ta’ l-identita’ hija dokument pubbliku li jkollha d-dettalji u wicc l-imputat impressjonata fuqha. Fil-kaz in ezami, id-dokument prezentat mill-imputat kellu d-dettalji u wicc l-imputat impressjonati fuqu u dan biex tirrapprezenta Karta tal-Identita genwina.

Kienet ukoll fil-pussess tieghu mhux biss dak in-nhar imma fil-granet u fix-xhur ta' qabel u giet ipprezentatha minnu waqt ic-*check-in* kif ammetta huwa stess.

Dan ifisser li l-eghmil tieghu kollu kemm hu jinkwadra fid-disposizzjoni ta' dan l-artikolu u ghalhekk l-imputat ghandu jinstab hati tat-tieni imputazzjoni kif dedotta.

**Ikkunsidrat:**

Dwar il-piena il-Qorti tqis li dawn huma reati serji hafna u li kull ma jmur sfortunatament qed jizdiedu.  Il-forzi tas-sigurta' pubblika iridu joqghod b' seba' mitt ghajnejn fuq minn diehel u hiereg mill-pajjiz u sta' ghal dawn il-Qrati li jibghatu messagg car li f' dan il-pajjiz hadd ma jaghmel li jrid.  Jekk hu vera kif qal id-difensur tal-imputat li huwa kien pulizija f'pajjizu ghal diversi snin, allura kien ben konsapevoli mill-konsegwenzi serji li garr ta' dokument falz igib mieghu.  Pajjizna irid ihares is-sigurta' interna pero' ghandu obbligi ohra biex is-sigurta fl-Unjoni Ewropeja tigi imharsa kif ukoll sbiex ma jkunx punt ta' transitu biex persuni li jghaddu minn Malta sabiex imorru f'pajjizi terzi ma' min Malta ghandha ftehim bilaterali.  **Jekk pajjizna jigi ittimbrat bhala pajjiz fejn ma hemmx kontrolli tal-fruntieri allura inkun qed nistiednu inkwiet ghalina kif ukoll ghal haddiehor!  Ir-reputazzjoni tal-pajjiz hija importanti mhux biss ghas-sigurta' fiha infisha imma ghax minnha jiddependi l-izvilupp socio-ekonomiku. Pajjiz b' reputazzjoni hazina fis-sigurta' tieghu jkollu effetti katastrofici fejn tidhol kwalita' gholja ta' ghixien.** Dawn il-Qrati ser jaghmlu il-parti taghhom biex dan ma jsehhx u kulhadd ihossu sigur u jkollu s-serhan tal-mohh li min qieghed hawn qieghed fil-pajjiz b'mod legittimu.

Infatti l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **il-Pulizija vs Yousef Hammat et**. (Appell Nru. 280/2021) deciza fil-15 ta' Settembru 2021 per Onorevoli Imhallef Edwina Grima diga' kienet irrimarkat is-segwenti:

*'Il-Qrati iridu necessarjament iqiesu, meta jigu biex jerogaw il-piena idoneja ghjal kull kazipprezentat quddiemhom, illi kemm jista' jkun ma jkunx hemm repetizzjoni ta' reati li kull ma jmur qed jizdiedu fin-numru taghhom b'periklu ghas-sigurta' fil-pajjiz u li organizzazzjonijiet kriminali li jaghmlu qliegh minn din l-attivita' illegali ma jithallewx jimirhu minghajr ebda razan u kontroll.'*[14]

Il-Qorti ma ghandhiex dubbju li l-imputat kien jaf x'qed jaghmel meta xtara il-karta tal-identita' Litwana mill-Polonja, jekk dan kien il-kaz. Hu garra mieghu ghal diversi xhur, *barra li jidher mill-istqarrija tieghu ukoll li hu baqa' jghix hawn Malta ghal diversi xhur minghajr ma irregistra ruhu mal-awtoritajiet u lanqas biss hallas taxxi fuq il-qliegh tieghu!*[15] *Jidher li l-imputat ftit li xejn jimpurtah mil-ligijiet kemm lokali kif ukoll internazzjonali.*

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tal-artikolu 32(1)(c) u l-Artikolu 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **PAATA BADZAGUA HATI** tal-akkuzi migjuba kontra tieghu taht l-artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll tal-artikolu 5 tal-Kapitolu 61

[14] L-istess kunsiderazzjonijiet ghamlet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **il-Pulizija vs Anok Amanuel et** (Appelli numru 273, 274, 275/2022) decizi fis-27 ta' Ottubru 2022 per Onorevoli Imhallef Aaron A. Bugeja.
[15] Fl-atti ma hemmx prova fejn kien qed jahdem fil-Polonja u l-asserzjoni tal-avukat difensur dwar certi fatti ma jaghmlux prova ladarba ma hemmx riskont taghhom fl-atti processwali.

tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll tal-artikolu 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt illi qed issib lill-imputat **PAATA BADZAGUA MHUX HATI** tal-akkuza migjuba kontra tieghu taht l-artikolu 32(1)(c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

U in vista' tal-fattispeci kollha tal-kaz, inkluz il-fedina penali nadifa tal-imputat u wara li qieset il-frekwenza dejjem tizdied ta' dawn il-kazijiet u l-gravita' taghhom kif ben ritenut minn dawn il-Qrati f'cirkostanzi simili, il-Qorti tikkundanna lill-imputat ghal zmien ta' **tmien (8) xhur habs effettivi** li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li huwa ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri[16].

Inoltre ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundnna lill-hati sabiex ihallas lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali l-ispejjez tal-hatra tal-espert is-Sur John Charles Ellul fi zmien xahar mill-lum altrimenti konvertibbli f'habs skond il-ligi.[17].

Il-Qorti qeghda ukoll tordna d-distruzzjoni tal-karta tal-identita' Litwana falza li tinsab a folio 6 tal-process fi zmien gimgha minn meta din is-sentenza issir definittiva u ghall-fini tal-istess tordna lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali jaghmel nota ta' tali distruzzjoni f'dawn l-atti.

Finalment, il-Qorti tordna li kopja ta din is-sentenza tintbaghat lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali halli jigbor immedjatament dak li

[16] Ara ukoll l-Ufficcjal Principali tal-Immigrazzjoni (Spettur Frankie Sammut) vs Dragan Savic (Nru. 6/2020 VGA) deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Mag. Dr. Victor G. Axiaq nhar il-25 ta' Jannar 2020 kif ukoll l-Ufficcjal Principali tal-Immigrazzjoni (Spettur Darren BUhagiar) vs Ousmanie Diakite deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Mag. Dr. Victor G. Axiaq nhar il-24 ta' Awwissu 2020.
[17] Folio 51 tal-process li huma seba' mija u sitta u sittin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu €766.29c.

huwa dovut malli din is-sentenza issir *res judikata* kif ukoll tordna li kopja ta' l-istess tintbaghat lill-Kummissarju tal-Pulizija fil-*veste* tieghu ta' Ufficcjal Principali tal-Immigrazzjoni sabiex immedjatament jibda l-preparamenti necessarji sabiex hekk kif din is-sentenza tkun definittiva u ma tistax tigi mibdula jiehu dawk il-passi kollha necessarji sabiex l-imputat jitkecca **immedjatament** minn dawn il-Gzejjer.

Il-Qorti spjegat lill-imputat din is-sentenza fi kliem car u semplici, l-obbligi tieghu taht l-istess u l-konsegwenzi jekk huwa ma jonorax l-istess.

**Dr Monica Vella LL.D., M. Jur.**

**Magistrat**

**Angelo Buttigieg**

**Deputat Registratur.**